# It-Tranżazzjonijiet tal-Proprjetà Residenzjali: Awwissu tal-2023

NR161/2023 Data tal-Ħruġ: 12 ta' Settembru 2023 Data tal-Għeluq: 05 ta' Settembru 2023

*F'Awwissu 2023, il-Kuntratti ta' bejgħ u il-Konvenji ta' proprjetajiet residenzjali ammontaw għal 949 u 970, rispettivament. Meta mqabblin ma' dawk irreġistrati fl-istess xahar ta' sena qabel, dawn iċ-ċifri juru tnaqqis ta' 24.6 fil-mija fil-kuntratti ta' bejgħ u żieda ta' 5.5 fil-mija fil-konvenji.*



Din l-Istqarrija tal-Aħbarijiet tippreżenta tagħrif proviżorju dwar tranżazzjonijiet ta' bejgħ ta' proprjetajiet residenzjali skont id-data tar-reġistrazzjoni mal-awtorità tat-taxxa.

**Kuntratti ta' bejgħ**

F'Awwissu 2023, l-għadd ta' kuntratti ta' bejgħ ta' proprjetajiet residenzjali kien jammonta għal 949, li juri tnaqqis ta' 24.6 fil-mija meta mqabbel ma' dawk irreġistrati sena qabel (Tabella nru 1a, Ċart nru 1). B'kollox, il-valur ta' dawn il-kuntratti laħaq il-€263.4 miljun, tnaqqis ta' 9.4 fil-mija meta mqabbel mal-valur irreġistrat f'Awwissu 2022 (Tabella nru 2a).

Fix-xahar ta' riferenza, 869 jew 91.6 fil-mija tal-kuntratti kienu jikkonsistu minn xerrejja individwali (familji), filwaqt li kważi l-bqija tal-kuntratti l-oħra kienu magħmula minn kumpaniji (Tabella nru 1b). Il-valur tal-kuntratti li jinvolvu xerrejja individwali (familji) kien jammonta għal €210.9 miljuni, li huwa ekwivalenti għal 80.1 fil-mija tal-valur kollu (Tabella nru 2b).

*Kuntratti ta' bejgħ bid-distrett u l-lokalità*

F'Awwissu 2023, l-akbar għadd ta' kuntratti ta' bejgħ kien irreġistrat fid-Distrett tat-Tramuntana tal-Port u fid-Distrett tat-Tramuntana, b'total ta' 259 u 178 kuntratt, rispettivament. L-inqas numri ta' kuntratti kienu nnotati fid-Distrett tal-Punent, u fid-Distrett ta' Għawdex u Kemmuna, b'96 u b'132 kuntratt, rispettivament (Tabella nru 3).

## Ċart nru 1. Kuntratti ta' bejgħ u konvenji rreġistrati

Ta' kull xahar




L-akbar għadd ta' kuntratti ta' bejgħ kien irreġistrat f'dawn il-lokalitajiet: San Pawl Il-Baħar (79), Il-Mosta (46) u Birkirkara (41) (Tabella nru 7, Ċart nru 2a). Dawn il-kuntratti kienu jgħoddu għal 17.5 fil-mija tal-kuntratti kollha rreġistrati f'Awwissu 2023.

## Ċart nru 2a. Il-lokalitajiet li kellhom l-akbar ammonti f'Awwissu 2023

Kuntratti ta' bejgħ




**Konvenji**

F'Awwissu 2023, kienu rreġistrati 970 konvenju ta' proprjetajiet residenzjali, li huma riflessi f'żieda ta' 5.5 fil-mija fuq is-sena ta' qabel (Tabella nru 4a). Ix-xerrejja individwali (familji) li kienu involuti f'dawn il-konvenji kienu jgħoddu 893 jew 92.1 fil-mija, filwaqt li l-bqija kienu jinvolvu kumpaniji (Tabella nru 4b).

*Konvenji bid-distrett u l-lokalità*

L-akbar għadd ta' konvenji ta' proprjetajiet residenzjali kien irreġistrat fid-Distrett tat-Tramuntana tal-Port b'285 konvenju; segwit mid-Distrett tat-Tramuntana b'210 konvenji. Min-naħa l-oħra, l-inqas ammonti ta' konvenji dehru fid-Distrett tal-Punent, u fid-Distrett ta' Għawdex u Kemmuna, b'101 u b'108 konvenji, rispettivament (Tabella nru 5).

L-akbar għadd ta' konvenji kien irreġistrat f'dawn il-lokalitajiet: San Pawl Il-Baħar (99), L-Imsida (53), u Marsaskala (42) (Tabella nru 9, Ċart nru 2b). Dawn il-konvenji kienu jgħoddu għal 20.0 fil-mija tal-konvenji kollha rreġistrati f'Awwissu 2023.

## Ċart nru 2b. Il-lokalitajiet li kellhom l-akbar ammonti f'Awwissu 2023

Konvenji

